GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

# ĊIRKULARI

Data: 16 ta' Jannar 2023

Ref: DES 01/2023

Lill- : Kapijiet tal-Iskejjel Primarji

Suġġett: Applikazzjonijiet MVPA 2023/2024

---

Għeżież ġenituri/kustodji legali,

L-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva ser tilqa' applikazzjonijiet minn studenti li mis-sena skolastika li jmiss jixtiequ jkomplu l-istudji akkademiċi tagħhom, kif ukoll jitħarrġu fl-arti viżwali jew performattiva li jeċċellaw fiha.

Din l-iskola tilqa' fi ħdanha studenti bniet u subien minn Malta u Għawdex li **twieldu fl-2012,** li se jtemmu b'suċċess is-sitt sena tagħhom fl-Iskola Primarja u li huma meqjusa b'talent prominenti fl-arti viżwali jew performattiva. Dawn l-istudenti huma eliġibbli biex japplikaw għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva.

Ser issir laqgħa *online* għal KULL Arti Viżwali u Performattiva għall-ġenituri/kustodji legali permezz ta' **MS Teams** skont kif jidher hawn taħt:

| Data | Ħin | Arti Viżwali u Perfomattiva | Link għal-laqgħa |
|---|---|---|---|
| 23 ta' Jannar 2023 | 09:00 – 10:00 | Mużika | Idħol hawn |
| 24 ta' Jannar 2023 | 09:00 – 10:00 | Żfin | Idħol hawn |
| 24 ta' Jannar 2023 | 10:30 – 11:30 | Drama | Idħol hawn |
| 25 ta' Jannar 2023 | 09:00 – 10:00 | Arti | Idħol hawn |
| 25 ta' Jannar 2023 | 10:30 – 11:30 | Midja | Idħol hawn |

Dakinhar ser tingħata informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tal-għażla u r-rekwiżiti għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Perfomattiva. Aktar informazzjoni hi accessibli fuq il-websajt **https://mvpa.skola.edu.mt/**

**L-applikazzjonijiet ser jiftħu nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023,** u se jkunu aċċessibbli u jistgħu jitniżżlu minn fuq il-websajt **www.education.gov.mt**.
**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Marzu, 2023.**

Iċ-ċertifikati u/jew kwalifikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' kopja skenjata fuq l-imejl tal-Uffiċċju tal-Kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ: **stthomasmore.college@ilearn.edu.mt**

**Għal aktar tagħrif ċemplu fuq 25986039.**

**Emile Vassallo**
**Direttur Ġenerali**
**Dipartiment għal Servizzi Edukattivi**